# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 1267/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**North by Northwest GmbH soċjetà rreġistrata ġewwa l-Ġermanja kif rappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dr Adrian Camilleri**

**Vs**

**Il-Bastiment 'MSC Bilbao'**
**(IMO 9301495)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

> *Illi l-bastiment intimat huwa bareboat chartered lis-soċjeta' MS "MSC BILBAO" Schiffahrtsgesellschaft mbH;*
>
> *Illi l-Bastiment intimat fuq ordni tal-bareboat charterer ġie fornit b'diversi bunkers ossia fuel;*
>
> *Illi l-fornituri tal-bunkers ħarġu l-fatturi relattivi għal dawn il-bunkers provduti lill-Bastiment intimat (Vide Dok "B" sa "P" hawn annessi) madanakollu dawn baqgħu ma' tħallsux mill-bareboat charterer;*
>
> *Illi sussegwetnament is-soċjeta' HAMMONIA Reederei GmbH & co. KG ("Hammonia") qua technical manager tal-Bastiment intimat intervjeniet u ħallset dawn il-fatturi hi stess;*

*Illi mal-ħlas ta' kull fattura f'dan ir-rigward Hammonia kienet ġiet debitament issurrogata fid-drittijiet tal-fornitur tal-bunkers relattivi (Vide Dok 'B" sa "O" hawn annessi) kontra l-istess bareboat charterer;*

*Illi l-fatturi mħallsa mis-soċjeta' Hammonia jammontaw in toto għal miljun, tlett mija u tmienja u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€ 1,358,527.18c) konsistenti f'ammonti mħallsa f'dollari amerikani li flimkien jammontaw għal miljun, erba' mija u tnax-il elf, erba' mija u sittax-il dollaru u sittax-il ċenteżmu ($1,412,416.16c) ekwivalenti għal € 1,332,868.88 u ammont ieħor mħallas f'Ewro ammontanti għal ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u tletin ċenteżmu (€25,658.30c) hekk kif muri f'prospett ta' ħlasijiet immarkat bħala Dok "P";*

*Illi s-soċjeta' Hammonia minn naħa tagħha, sussegwentement, għaddiet u assenjat id-debitu kollu hawn fuq deskritt a favur r-rikorrent nomine akkwirenti u dan għamlitu permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Ottubru 2023 u skrittura oħra datata 2 ta' Novembru 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'Q' u "R"), liema somma għalhekk hija llum douvta bi sħiħ lir-rikorrent nomine;*

*Illi dina l-pretensjoni hija waħda li tista' tittieħed in rem kontra il-bastiment intimat u dana abbażi tal-artikolu 742B(o) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li hawn si tratta ta' fornitura ta' bunkers u in oltre ir-rekwiżit tal-artikolu 742D(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ben sodisfatt u dan għaliex il-persuna rilevanti ossia l-bareboat charterer kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, in-noleġġatur tal-bastiment intimat taħt bareboat charter u issa fiż-żmien meta qed tinġieb l-azzjoni, l-persuna rilevanti hija n-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-bastiment;*

*Illi b'hekk ir-rikorrenti nomine għandu dritt jipproċedi b'dawn il-proċeduri in rem kontra l-Bastiment Intimat sabiex tiġi ssaldata a favur ta' l-istess is-somma kumplessiva ta' miljun, tlett mija u tmienja u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu € 1,358,527.18c liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut;*

*Illi, sa fejn jaf ir-rikorrent nomine, is-soċjeta' l-bastiment intimat m' għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tal-istess rikorrent u għalhekkk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-Liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċizjoni bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, jgħid għalhekk il-bastiment intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet hawn fuq premessi:*

*1. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara li l-bastiment intimat għandu jħallas ir-rikorrent nomine s-somma kumplessiva ta' miljun, tlett mija u tmienja u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1,358,527.18c);*
*3. Tordna u tikkundanna lil-bastiment intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma ta' miljun, tlett mija u tmienja u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1,358,527.18c).*

*Bl-ispejjżż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju nru. 2038/ 2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat, li rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2023, il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-27 ta' Novembru 2023 fejn il-Bastiment intimat ġie ordnat jidher sabiex jirrispondi għal dak mitlub.

3. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mar-rikors promotur, ossija:

    a. Il-Prokura
    b. Riċevuti u Surroga relattiva
    c. Prospett
    d. Ftehim ta' Ċessjoni
    e. Affidavit

4. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2023, deher ir-rappreżentant tas-soċjeta' MSC Bilbao Schiffahrtsgesellschaft mbH bhala bareboat charter tal-bastiment MSC Bilbao li għarrfet lill-Qorti illi ngħatat struzzjonijiet sabiex ma topponix għat-talba.

5. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2023, deher ir-rappreżentant tas-soċjeta' AM Asia M13 Limited, bħala sid tal-bastiment MSC Bilbao, illi ppreżenta nota ai termini tal-Artikolu 170 tal-Kap 12.

6. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2023, il-Qorti akkordat żmien lis-soċjeta' AM Asia M13 Limited sabiex tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha, bħala sid tal-bastiment.

7. Rat illi bejn l-10 ta' Jannar 2024 u t-13 ta' Novembru 2024, saru varji seduti fejn ġiet dibattuta l-posizzjoni tas-soċjeta' AM Asia M13 Limtied fil-proċeduri odjerni, u ġew ippreżentati varji rikorsi u ngħataw varji digrieti.

8. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2024, in linea ma direzzjoni mogħtija minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2024 relatata ma' meritu identiku għal dak dibattut

quddiem din il-Qorti, fejn il-Qorti tal-Appell ddeċidiet illi s-soċjeta' AM Asia M13 Limited ma kellhiex locus standi, din il-Qorti abbraċċjat tali direzzjoni u sfilzat l-eċċezzjonijiet u atti oħra ppreżentati mis-soċjeta' AM Asia M13 Limited.

9. Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2024, il-Kaptan tal-bastiment MSC Bilbao Vladimir Kakuri, kif ukoll ir-rappreżentant tas-soċjeta' MSC Bilbao Schiffahrtsgesellschaft mbH bħala bareboat charter tal-bastiment MSC Bilbao, iddikkjaraw illi ngħataw struzzjonijiet sabiex ma jopponux għall-proċeduri tal-giljottina.

10. Rat illi, għalhekk, il-bastiment MSC Bilbao ippreżentat nota ta' ammissjoni għat-talbiet kif dedotti.

11. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2024, il-kawza ġiet differita għas-sentenza.

12. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2024, is-soċjeta' AM Asia M13 Limited ippreżentat rikors fejn talbet lil dina l-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet tat-18 ta' Novembru 2024.

13. Rat illi tali rikors ġie miċħud fil-25 ta' Novembru 2024.

14. Rat illi in vista tal-fatt illi l-proċeduri odjerni huma proċeduri intavolati *in rem* kontra l-bastiment personalment, huwa l-Kaptan Vladimir Kakuri illi jirrappreżenta l-Bastiment, liema Kaptan għarraf lill-Qorti illi l-proċeduri odjerni ma kinux qed jiġu kkontestati.

15. Rat illi ma ngħatat ebda raġuni valida 'l għaliex it-talba kif dedotta ma għandhiex tintlaqa'.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi semgħet l-abbli difensuri preżenti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiddikjara** li l-bastiment intimat għandu jħallas ir-rikorrent nomine s-somma kumplessiva ta' miljun, tlett mija u tmienja u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1,358,527.18c);

**Tordna** u tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma ta' miljun, tlett mija u tmienja u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1,358,527.18c);

Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju nru. 2038/ 2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**